MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2015

Rikors Numru. 42/2014

**Margherita Giudetti**

**Vs**

**Ministeru ghall-Finanzi**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Margherita Giudetti**ipprezentat fl-24 ta' April 2014 li permezz tieghu ippremettiet is-segwenti:-

*"1. Illi r-rikorrenti applikat ghall-ezenzjoni mill–hlas ta' taxxa tar-registrazzjoni fuq vettura bil-mutur Nissan Qashqai I 3185AL, skont l–artikolu 19 tal–KAPITOLU 368, ATT DWAR IR–REGISTRAZZJONI U LICENZJAR TA' VETTURI BIL–MUTUR u regola 4 tar–REGOLI DWAR EZENZJONI MIT–TAXXA TAR–REGISTRAZZJOINI TA' VETTURI BIL-MUTUR.*

*2. Illi r–rikorrenti tikkwalifika sabiex tigi ezentata mill–hlas ta' taxxa tar-registrazzjoni fuq din il–vettura u dan kif sejjer jigi ppruvat fil–mori tal–kawza permezz ta' dokumenti addizzjonali.*

*3. Illi r–rikorrenti b'ittra datata 4 ta' April 2014, giet infurmata mill-Ministeru ghall–Finanzi li hi ma tissodisfax ir–rekwizit stipulat f'regola 4(3)(f) tal – AVVIZ LEGALI 440 TAL 2013 sabiex tkun ezentata mill–hlas tat- taxxa tar–registrazzjoni fuq il-vettura Nissan Qashqai I 3185AL u dan kif evidenzjat mid – dokument anness u mmarkat bhala 'Dok. A'.*

*4. Illi d–decizjoni kontenuta fl–imsemmija ittra ma hix wahda gusta peress illi huwa car li regola 4(3)(f) ma tapplikax ghal–kaz odjern peress illi l-imsemmija vettura Nissan Qashqai I 3185AL waslet Malta qabel it-trasferiment tar-residenza tar-rikorrenti lejn Malta u dan kif evidenzjat mid–dokument anness u mmarkat bhala 'Dok. B'.*

*5. Ghaldaqstant ir–rikorrenti titlob bir–rispett illi dan it–Tribunal joghgbu jhassar id-decizjoni moghtija fl–4 ta' April 2014 mill-Ministeru ghall-Finanzi, u ghaldaqstant jiddikjara li;*

*a) regola 4(3)(f) tal-AVVIZ LEGALI 440 TAL 2013 ma tapplikax ghal–kaz odjern, u*

*b) li r–rikorrenti tikkwalifika ghall-ezenzjoni skond regola 4 tar–REGOLI DWAR EZENZJONI MIT–TAXXA TAR–REGISTRAZZJOINI TA' VETTURI BIL-MUTUR sabiex tigi ezentata mill–hlas ta' taxxa tar-registrazzjoni fuq il–vettura bil – mutur Nissan Qashqai I 3185AL, u*

*c) ghaldaqstant tordna illi r–rikorrenti ghandha tigi ezentata mill–hlas ta' taxxa tar-registazzjoni dwar din il-vettura, u*

*d) dan taht kull provvediment xieraq u opportun li jghogbu jaghti dan it–Tribunal, u*

*e) bl-ispejjez kontra l–Ministeru ghall–Finanzi."*

Ra r-risposta tal-**Ministeru ghall-Finanzi** ipprezentata fil-21 ta' Mejju 2014 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"*

1. *ILLI l-esponent Ministeru tal-Finanzi jeċċepixxi illi t-talbiet kollha tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana għaliex kien hemm raġunijiet validi u skont il-liġi li fuqhom ġiet ibbażata l-ittra tal-esponent datata 4 t'April 2014 ('**Dok A**' annessa mar-rikors promutur), kif ser jiġi muri waqt it-trattazzjoni tar-rikors fl-ismijiet premessi;*
2. *ILLI ai termini tar-**Regolament 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 kif emendata bl-Avviż Legali 440 tal-2013,** sabiex ir-rikorrenti setgħet tikkwalifika għall-eżenzjoni mill-ħlas ta' reġistrazzjoni tal-vettura tagħha, hi kellha tissottometti l-applikazzjoni tagħha fi żmien tletin ġurnata mid-data li fiha tkun ittrasferiet ir-residenza tagħha f'Malta jekk il-vettura tkun diġa' waslet Malta;*

3. *ILLI jirriżulta mill-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrenti għall-eżenzjoni mill-ħlas tat-taxxa fuq ir-reġistrazzjoni tal-vettura, datata 27 ta' Jannar 2014 illi r-rikorrent waslet f'Malta fl-1 ta' Jannar 2013 u trasferiet ir-residenza tagħha f'Malta fl-10 ta' Jannar 2014;*

4. *ILLI l-vettura tat-tip Nissan Qashqai bin-numru tar-reġistrazzjoni barrani 1-3185AL kienet daħlet f'Malta fis-27 ta' Awwissu 2012 skont biljett anness mar-rikors promotur u mmarkat bħala* ***Dok B;***

5. *ILLI fil-fatt id-data indikata mir-rikorrenti fuq l-istess applikazzjoni għall-eżenzjoni mill-ħlas ta' reġistrazzjoni tal-imsemmija vettura u li tindika d-data li fiha ġiet sottomessa l-applikazzjoni hija 27 ta' Jannar 2014;*

6. *ILLI għalhekk l-applikazzjoni tar-rikorrenti ġiet miċħuda stante li hija ma ssodisfatx il-kriterji stabbiliti fl-imsemmi regolament peress li huwa ċar illi t-tletin jum rikjesti mil-liġi laħqu għaddew u l-vettura msemmija ma tikkwalifikax għall-eżenzjoni mill-ħlas tat-taxxa fuq ir-reġistrazzjoni tal-vettura."*

Sema' x-xhieda tar-rikorrent[1] u ta' Herald Bonnici[2];

Sema' t-trattazzjoni mid-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassitha aggravata b'decizjoni mahruga mit-*Transfer of Residence Exemption Board* (iktar 'il quddiem imsejjah "Il-Bord") datata 4 ta' April 2014 li permezz taghha giet mgharrfa bis-segwenti:-

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01)*

[1] Minn fol. 29 sa fol. 34
[2] Minn fol. 46 sa fol. 50

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 6 of 2012 under rule 4(3)(f) which stiplates that "where the person has transferred his residence to Malta and the vehicle has not yet arrived in Malta, the application for exemption is to be made within thirty days from the arrival of the vehicle in Malta.*

*You have the right to appeal from this decision, within 21 days from the date of this decision, before the Administrative Review Tribunal in accordance with the provisions of the Administrative Justice Act (Cap. 490) and regulations in terms of the Act. A copy of this procedure is attached.*

*For this purpose, unless you intend to appeal, the temporary permit issued on 4th February, 2014 is being, hereby, revoked."*[3]

**Ir-rikorrenti** xehdet illi hi giet hawn Malta, flimkien mal-vettura taghha, fis-27 ta' Awissu 2012 sabiex tfittex xoghol. Fl-1 ta' Jannar 2013 hija bdiet tahdem hawn Malta. Tistqarr illi giet infurmata illi sabiex titrasferixxi r-residenza taghha mill-Awstrija, fejn kienet tghix precedentement, ghal Malta hija kellha tapplika ghal karta ta' l-identita` Maltija. Tghid li hija bghatet *e-mail* lid-Dipartiment tal-*e-residence* fit-22 ta' Frar 2013 ghal appuntament, liema appuntament gie moghti ghall-4 ta' Gunju 2013 meta hija ssottomettiet id-dokumenti kollha necessarji biex tinhareg l-imsemmija karta ta' l-identita`.[4] Tistqarr illi hija marret diversi drabi fid-Dipartiment koncernat biex ticcekkja dwar jekk l-istess *e-residence card* kinitx lesta sakemm f'Novembru 2013 kienu infurmawha li kellha bzonn terga' tmur fid-Dipartiment ghaliex kien hemm xi probema bir-ritratt u l-firma.[5] Tghid li minhabba dan id-dewmien hija kellha wkoll problemi ta' natura fiskali peress li ma kienx ghad kellha prova permezz tal-*e-residence card* li ttrasferiet ir-residenza taghha hawn Malta. Tistqarr illi fit-13 ta' Jannar 2014 irceviet ittra fejn giet infurmata li l-karta ta' l-identita` kienet lesta biex tingabar.[6] Tghid li dan id-dokument kien necessarju biex hija tapplika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni ghaliex kien imnizzel bhala dokument ta' prova tat-trasferiment tar-residenza.

**Herald Bonnici**, rapprezentant tal-Ministeru intimat, stqarr li l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni kienet wahda tardiva. Jghid li r-rikorrent kienet iddikjarat li ttrasferiet ir-residenza taghha hawn Malta fl-10 ta' Jannar 2014 pero` l-Bord

[3] Dok A a fol. 3
[4] Dok MG1 u Dok MG2 a fol. 35 u 36
[5] Dok MG4 a fol.38
[6] Dok MG7 a fol. 41

hass li kienet stramba li saret dik id-dikjarazzjoni meta d-dokument ta' residenza kien juri li t-trasferiment tar-residenza sehh qabel l-imsemmija data. Jghid li l-Bord ha d-data tat-trasferiment tar-residenza tar-rikorrenti bhala d-data mnizzla fl-ittra mibghuta mid-Dipartiment tal-*e-residence cards*.[7] Finalment jghid li ghalkemm il-Bord ikkwota r-Regola 4 (3) (f) bhala l-bazi tar-rifjut, effettivament kienet Regola ohra li kellha tapplika fil-kaz in ezami u cioe li l-applikazzjoni giet ipprezentata tardivament stante li l-vettura kienet diga hawn Malta meta r-rikorrent hadet ir-residenza taghha.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi r-rikorrenti u l-vettura in kwistjoni waslu hawn Malta fis-27 ta' Awissu 2012. Ir-rikorrenti giet hawn Malta bl-intenzjoni li ssib xoghol u fil-fatt bdiet tahdem hawn Malta fl-1 ta' Jannar 2013. Jirrizulta li ghalkemm applikat ghall-*e-residence card* f'Gunju 2013 ghaddew divers xhur sakemm ottjeniet l-istess. Meta ottjeniet l-imsemmija *card* f'Jannar 2014 hija applikat ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura taghha.

Illi da parti tieghu, il-Bord ikkunsidra illi ghalkemm ir-rikorrenti, fl-applikazzjoni sottomessa minnha, nizzlet li hija hadet ir-residenza taghha hawn Malta fl-10 ta' Jannar 2014, dan ma kienx jirrifletti l-verita` peress li anke mill-istess *e-residence card* jirrizulta li t-trasferiment kien sar qabel l-imsemmija data u ghalhekk kienu lahqu ghaddew it-tletin gurnata *entro* liema persuna trid tapplika jekk il-vettura tkun diga waslet Malta.

Illi l-ewwel kwistjoni li se jezamina t-Tribunal hija jekk fil-fatt ir-raguni tar-rifjut moghtija mill-Bord hijiex dik korretta jew le. Illi t-Tribunal jirrileva illi evidentement ir-raguni moghtija u cioe` dik abbazi tar-Regola 4 (3) (f) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 ma tapplikax ghall-kaz odjern. In fatti, Herald Bonnici, in rapprezentanza tal-Ministeru intimat, waqt ix-xhieda tieghu stqarr illi r-raguni indikata kienet wahda zbaljata ghaliex fil-fatt riedet tigi indikata r-Regola 4 (3) (e) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01. Din l-ahhar Regola tistipula illi meta persuna tkun ittrasferiet ir-residenza taghha lejn Malta u l-vettura tkun digà waslet Malta, **<u>l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ghandha ssir fi zmien tletin gurnata</u>** mid-data li fiha dik il-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza taghha f'Malta.

[7] Ibid.

Illi ghalhekk id-decizjoni kif komunikata lir-rikorrenti bl-ittra datata 4 ta' April 2014 hija wahda zbaljata u dan kif ammess mill-istess rapprezentant tal-Ministeru intimat u ghaldaqstant l-istess decizjoni ghandha tigi revokata u annullata.

Illi permezz tat-tieni talba taghha ir-rikorrenti talbet li dan it-Tribunal jiddikjara li hija tikkwalifika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni. Madankollu fir-risposta tieghu il-Ministeru intimat jirribatti din it-talba billi jghid illi r-rikorrenti ma tikkwalifikax ghall-ezenzjoni ghaliex ir-rikorrenti applikat ghall-istess ezenzjoni iktar minn tletin gurnata wara li ttrasferiet ir-residenza taghha hawn Malta.

Illi kif diga intqal iktar 'il fuq, Herald Bonnici stqarr illi r-Regola applikabbli ghal dan il-kaz hija r-Regola 4 (3) (e) u cioe` meta persuna tkun ittrasferiet ir-residenza taghha lejn Malta u l-vettura tkun digà waslet Malta, l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ghandha ssir fi zmien tletin gurnata mid-data li fiha dik il-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza taghha f'Malta. Dan jirrizulta wkoll mir-raguni ghar-rifjut mnizzla manwalmet fuq l-applikazzjoni tar-rikorrenti li maghha pero` hemm citat ir-Regolament zbaljat.[8]

Illi ghalhekk, dak li jrid jiddetermina dan it-Tribunal huwa jekk effettivament ir-rikorrenti hijiex korretta meta ssostni li hadet ir-residenza taghha fl-10 ta' Jannar 2014 u cioe` meta hija gabret l-*e-residence card* mid-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-Espatrijati.

Illi fit-trattazzjoni orali d-difensur tar-rikorrenti sostna li qabel ma r-rikorrenti kellha f'idejha l-*e-residence card* hija ma setghetx tapplika ghall-ezenzjoni. Illi min-naha l-ohra, d-difensur tal-Ministeru intimat irribattiet billi sahqet illi l-imsemmija *card* m'hijiex dokumenti *sine qua non* biex wiehed japplika ghall-ezenzjoni.

Illi dan it-Tribunal jaqbel mas-sottomissjoni tal-Ministeru intimat. Illi ghalkemm id-dokument ta' residenza huwa msemmi fl-applikazzjoni taht is-

[8] Dok B a fol. 58

Sezzjoni E intitolata "*Documents/Evidence Which May Be Required To Be Submitted (if Applicable)*", flimkien ma' ghadd ta' dokumenti ohra, m'hemm imkien stipulat li dawn iridu jigu sottomessi mal-applikazzjoni. Illi t-Tribunal jirrileva illi l-Ministeru intimat qatt ma talab l-istess dokument ta' residenza lir-rikorrenti biex ikun jista' jipprocessa l-applikazzjoni taghha.

Illi mix-xhieda tar-rikorrenti u mid-dokumenti ipprezentati minnha stess jirrizulta ampjament car illi hija kienet ittrasferiet ir-residenza taghha hawn Malta hafna qabel issottomettiet l-applikazzjoni taghha. Dan huwa evidenti mill-fatt illi kienet qed titlob il-hrug tad-dokument tar-residenza peress li fin-nuqqas kien se jkollha problemi ta' natura fiskali gewwa l-Awstrija. Dan juri li hija kienet qieghdha tqis lil Malta bhala l-pajjiz ta' residenza taghha. Illi l-element determinanti biex jigi stabbilit iz-zmien tat-trasferiment tar-residenza ta' applikant huwa dak l-att/atti esterni li jimmanifestaw l-intenzjoni tieghu li jistabilixxi u jzomm ic-centru permanenti jew abitwali ta' l-interessi tieghu hawn Malta. Evidenza ta' dan huwa l-kontenut ta' *e-mail* mibghuta mir-rikorrenti lil certu Mr. Farrugia datata 8 ta' Jannar 2014 fejn fiha tistqarr is-segwenti *"Considering that it is now one year since I started my application and I have already lost all the fiscal benefits deriving from* ***my residence in Malta in 2013***[9]*..."*[10] Illi dan it-Tribunal iqis li mic-cirkostanzi kollha jirrizulta illi jista' facilment jigi stabbilit illi fl-1 ta' Jannar 2013, u cioe meta r-rikorrenti bdiet tahdem hawn Malta, hija kienet ittrasferiet ir-residenza taghha hawn Malta.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi r-rikorrenti kienet tardiva fl-applikazzjoni taghha ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni. It-Tribunal jirrileva illi f'dawn il-proceduri tqajjmu hafna kwistjonijiet dwar il-hrug tad-dokument ta' residenza. Illi fil-fehma umli ta' dan it-Tribunal, in-nuqqas ta' hrug ta' tali dokument fi zmien ragjonevoli ma kienx ta' impediment ghar-rikorrenti biex tapplika ghall-ezenzjoni. Ir-rikorrenti kienet ghamlet il-hsieb li titrasferixxi r-residenza taghha hawn Malta hafna qabel ottjeniet l-istess dokument. Biss biss f'Gunju 2013 hija ssottomettiet id-dokumenti necessarji ghall-hrug ta' tali dokument. Ghaldaqstant, id-data li r-rikorrenti nizzlet fl-applikazzjoni u cioe dik tal-10 ta' Jannar 2014 ma kinitx tikkorrispondi mad-definizzjoni murija fl-istess applikazzjoni ta' *"transfer of residence*" li hija mfissra bhala *"the actual transfer of the normal residence of a person from a place outside Malta to a place in Malta."*[11] Id-data tal-hrug tad-dokument ta'

[9] Enfasi tat-Tribunal
[10] Dok MG6 a fol. 40
[11] Ara applikazzjoni tar-rikorrenti Dok B a fol. 55

residenza ghandu certu implikazzjonijiet, pero` l-fatt li persuna li tkun ttrasferiet ir-residenza taghha hawn Malta ma jkunx ghad ghandha l-istess dokument fil-pussess taghha ma jimpedihiex milli tapplika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta’ registrazzjoni. Illi dan it-Tribunal jissimpatizza mar-rikorrenti li forsi setghet hasbet li l-ewwel ried ikollha f’idejha dan id-dokument qabel tapplika, izda ma jistghax jiddeciedi mod iehor ghaliex altrimenti jkun qed imur kontra d-dettami tal-ligi.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet fuq esposti, qieghed jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jiddikjara li Regola 4 (3) (f) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 ma tapplikax ghall-kaz odjern u b’hekk jirrevoka u jannulla d-decizjoni tal-Ministeru intimat datata 4 ta’ April 2014, jichad ir-rimanenti talbiet tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez ta’ din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------